# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 492/2015/VG**

**Avukat Dottor Stefan ZRINZO AZZOPARDI [ID. Nru.443073M] u Avukat Dottor Alexia FARRUGIA ZRINZO [ID. Nru.43182M]**

**vs**

**GOAGT Limited [C-55270] u Maritime Guard Group Limited [C-51865]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallasuhom is-somma ta' elf mitejn u sittin euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro [€1,260.73c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi s-socjetajiet konvenuti huma debituri fis-somma ta' elf mitejn u sittin Ewro u tlieta u sebghin Ewro centezmu €1260.73 lill-atturi rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti lill-atturi in

konnessjoni ma' servizzi legali rezi mill-istess atturi lis-socjetajiet konvenuti.

Is-socjetajiet konvenuti interpellati sabiex jhallsu diversi drabi baqghu inadempjenti.

BL-ISPEJJEZ, inkluz il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed ssir kontestwalment ma' dan l-avviz bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra z-zewg socjetajiet konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjetajiet intimati gew debitament notifikati bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqghu ma resqu l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti l-Avukat Alexia Farrugia Zrinzo.

Ra li Dr. Farrugia Zrinzo ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhomx provi aktar xi jresqu u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand is-socjetajiet intimati, tas-somma ta' elf mitejn u sittin euro u tlieta u sebghin

centezmi ta' euro [€1,260.73c] in konnessjoni ma' drittijiet professjonali dovuti lilhom in konnessjoni ma' servizzi legali rezi minnhom lis-socjetajiet intimati.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Dottor Alexia Farrugia Zrinzo xehdet illum stess li s-socjetajiet intimati huma debituri tagħha u ta' ħuha r-rikorrenti, l-Avukat Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi fl-ammont ta' €1260.73c liema somma tirraprezenta kontijiet ghal pagament ta' drittijiet professjonali li hi u ħuwa għamlu fil-konfront ta' l-istess socjetajiet intimati. Qalet li sal-lum, la hi u lanqas ħuwa ma kienu rcevew xi ammont minn dak reklamat f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjetajiet intimati gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mis-socjetajiet intimati.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghhom u konsegwentement jikkundanna lis-socjetajiet intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u sittin euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro [€1,260.73c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta l-istess ammonti gew dovuti sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjetajiet intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**